



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2011/2051(INI)

14.4.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-PAK fid-dawl tas-sena 2020: Nindirizzaw l-isfidi tal-futur fl-ambitu tal-ikel, tar-riżorsi naturali u dak territorjali (2011/2051(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jens Rohde

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jikkunsidra ż-żieda globali fid-domanda għall-ikel u l-pressjoni fuq il-prezzijiet, il-varjazzjonijiet u l-volatilità fis-swieq ta' bħalissa u jsaqsi għal miżuri antiċikliċi xierqa bħala reazzjoni għall-varjazzjonijiet qawwjin fis-swieq; għaldaqstant jinnota li l-Ewropa teħtieġ settur agrikolu aktar b'saħħtu, aktar ekoloġiku u aktar kompetittiv sabiex tiżgura l-provvista fit-tul ta' ikel bla periklu u ta' kwalità għolja bi prezzijiet aċċessibbli għall-konsumaturi Ewropej kollha u sabiex jiġu sodisfatti l-isfidi tal-ġejjieni biex jinħolqu impjegi u tkabbir ekonomiku sostenibbli u jiġu żgurati l-ambjent u l-klima waqt li tiġi sodisfatta d-domanda dinjija akbar għall-ikel;
2. Jenfasizza li s-settur tal-agricoltura, il-forestrija u s-sajd jikkontribwixxi 355 biljun euro għall-ekonomija u jirrappreżenta 8.6 fil-mija tal-impjegi totali tal-UE peress li s-settur ma jipprovdi biss ikel, imma jiżvolġi wkoll rwol importanti bħala sors ta' materja prima mhux minerali meħtieġa għall-funzjonament ta' ħafna industrij; jinnota li din hi l-ewwel riforma tal-PAK f'UE b'27 Stati Membri u li hu importanti, sabiex titħeġġeġ it-tkomplija tal-agricoltura fid-diversi pajjiżi u territorji Ewropej, waqt li jiġi evitat kull tentattiv li terġa' tiġi nnazzjonalizzata dik li hi politika komuni; jišhaq fuq il-fatt li l-PAK il-ġdida trid toħloq distribuzzjoni ġusta u bbilanċjata fost l-Istati Membri;
3. Jitlob PAK li tkun koerenti u tappoġġa l-għanijiet ta' politiki oħra tal-UE, speċjalment dawk dwar il-forestrija u l-agricoltura, iżda anke politiki dwar l-enerġija rinnovabbli u ħadra, il-bijodiversità, l-industrija, ir-riċerka u l-istrateġija Ewropa 2020; jemmen li l-miri għall-użu tal-enerġija sostenibbli għandhom jiġu inklużi fil-PAK;
4. Jišhaq fuq il-ħtieġa li jiġi stabbilit livell xieraq ta' ffinanzjar proporzjonat mal-oġġettivi l-ġodda tal-PAK, jew li tal-inqas jinżammu l-approprijazzjonijiet baġitarji attwali għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss;
5. Jirrikonoxxi r-rwol li jiżvolġi s-settur agrikolu biex jipprovdi beni pubbliċi ambjentali; barra minn hekk, jemmen li l-agricoltura għandha potenzjal sinifikattiv u mhux sfruttat fis-setturi tal-iffrankar tal-enerġija u l-effiċjenza tal-enerġija, kif ukoll biex tipprovdi enerġija li tiġġedded; għalhekk, jinnota li r-riforma tal-PAK għandha tkun iddirezżjonata biex tiżblokka l-potenzjal sħiħ tal-agricoltura biex tipprovdi beni pubbliċi ambjentali u enerġija li tiġġedded; jišhaq fuq il-fatt li r-rwol tas-settur agrikolu fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-CO₂ permezz tal-produzzjoni ta' bijofjuwils tal-ġenerazzjoni li jmiss li ma jikkompetux mal-produzzjoni tal-ikel u permezz tal-assorbiment tad-CO₂ mill-uċuħ/il-pjanti jew direttament mill-ħamrija;
6. Jinnota f'dan ir-rigward li l-bijoteknoloġija tal-ġenerazzjoni li jmiss hi lesta issa u għaldaqstant iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa politika transsettorjali dwar il-bijomassa għall-bijoteknoloġija tal-ġenerazzjoni li jmiss, inklużi kriterji dwar is-sostenibilità għall-bijomassa, bħala parti mir-riforma tal-PAK sabiex tippermetti l-iżvilupp ta' suq sostenibbli għall-bijomassa mill-agricoltura, l-impriżi agroindustrijali u

l-forestrija billi tinċentivizza l-ġbir tar-residwi disponibbli għall-produzzjoni tal-bijoenerġija, waqt li tipprevjeni żieda fl-emissjonijiet u telf tal-biodiversità;

7. Jemmen li kemm l-ewwel u kemm it-tieni pilastru għandhom jikkontribwixxu biex jinkisbu modi ta' produzzjoni aktar ekoloġiċi peress li għandhom ambitu u objettiv differenti; għalhekk, taħt it-tieni pilastru, hemm bżonn li jinħolqu mekkaniżmi li jqanqlu t-tkabbir tal-effiċjenza tal-enerġija (pereżempju, il-modernizzazzjoni termali tal-bini, is-sostituzzjoni ta' tagħmir b'ieħor li jagħmel użu anqas intensiv mill-enerġija, l-irkupru tas-sħana jew l-użu tal-enerġija solari), kif ukoll l-isforzi li ma jistgħux jitwettqu mill-bidwi individwali u li jippermettu li l-bdiewa jinvolvu ruħhom fi produzzjoni tal-enerġija aktar effikaċi u aktar ekoloġika u metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli u jissodisfaw l-isfidi ta' għada: kompetittività, adattament għas-swieq, ħolqien tal-valur, preżervazzjoni tar-riżorsi naturali, adattament għat-tibdil fil-klima, eċċ.; jistieden lill-Kummissjoni tħejji pjattaforma għar-riċerka industrijali fi ħdan it-tmien programm qafas u tippermetti aktar parteċipazzjoni mill-industrija agrikola fil-programmi qafas dwar ir-riċerka li tkun tinkludi r-riċerka u l-innovazzjoni ta' tekniki u metodi ġodda, bħall-iżvilupp ta' wċuħ tar-raba' intelliġenti u produttivi ħafna, metodi ta' tnaqqigh sostenibbli u separazzjoni effiċjenti tad-demel;
8. Jisħaq fuq il-fatt li taħt it-tieni pilastru, il-politika dwar l-iżvilupp rurali għandha ssaħħaħ il-miżuri għall-bdiewa żgħażagħ, il-modernizzazzjoni u r-ristrutturazzjoni tal-farms, il-bdiewa fi nħawi b'limiti naturali speċjali u zvantagghi ġeografiċi u l-bdiewa li jagħżlu agrikoltura aktar sostenibbli u biedja organika sabiex jinħolqu distretti rurali u distretti ta' produzzjoni agroalimentari ta' kwalità;
9. Jisħaq fuq il-fatt li l-politiki Ewropej razzjonali bħal diesel orħos għall-użu agrikolu, eżenzjonijiet mit-taxxa tas-sisa għall-enerġija u l-fjuwil prodotti għal skopijiet agrikoli, b'mod partikulari għall-pompi għat-tisqija li jaħdmu bl-elettriku, jistgħu jgħinu lill-bdiewa Ewropej jipproduċu aktar u jformu s-swieq domestiċi kif ukoll dawk ta' esportazzjoni fil-prodotti agrikoli;
10. Jissuġġerixxi l-komponent ekoloġiku għandu jitfassal b'mod li l-bdiewa jkunu intitolati għal appoġġ addizzjonali jekk jipprovdu beni pubbliċi ambjentali li jikkostitwixxu valur miżjud għall-UE u li jkunu rilevanti fl-Istati Membri kollha imma li għalihom mhumiex ippremjati mis-suq bħal kopertura veġetali, ir-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' u l-istabbiliment ta' żoni fejn ma' jintużax bexx; jenfasizza l-ħtieġa tal-komponent ekoloġiku biex jipprovdi l-flessibilità u l-għażla għall-bidwi biex jiġi żgurat l-iskop tiegħu bħala opportunità kummerċjali u għodda ta' inċentiv;
11. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-komponent ekoloġiku għandha tkun mandatorja għall-Istati Membri; jekk il-komponent ekoloġiku jsir parti mill-ewwel pilastru, u għaldaqstant parti mill-pagamenti diretti li jikkostitwixxu 25% sa 30% tiegħu, ikun skema ta' inċentivizzazzjoni għall-UE kollha, immarata lejn it-tisħiħ tas-sostenibilità billi tipprovdi lill-bdiewa b'inċentiv ekonomiku ta' vera għal metodi ta' produzzjoni aktar ekoloġiċi u tikkumpensahom għall-ispejjeż ta' produzzjoni oġhla relatait ma' dan;
12. Jisħaq fuq il-fatt, barra minn hekk, li r-riforma tal-PAK u, f'dan ir-rigward, il-komponent ekoloġiku ma jridux iwasslu għal aktar burokrazija għall-bdiewa Ewropej; hemm bżonn ta' sistema sempliċi u loġika, u għalhekk il-kontroll tal-ilħuq tal-

komponent ekoloġiku għandu jiġi inkluż fil-mekkaniżmi eżistenti għall-kontroll tal-kundizzjonalità; ihegġegħ lill-Kummissjoni tinkorpora s-semplifikazzjoni mill-bidu nett, meta tippreżenta l-proposti leġiżlattivi;

13. Jisħaq fuq il-fatt li l-komponent ekoloġiku irid iqis il-ħtiġijiet, l-isfidi u l-punti ta' tluq differenti tal-Istati Membri biex jiġi żgurat li l-bdiewa kollha jkollhom l-istess opportunitajiet li jirċievu l-komponent ekoloġiku; għalhekk għandu jkun permess li jitqiesu l-elementi ekoloġiċi diġà mibdija;
14. Jenfasizza li l-inizjattivi ambjentali fl-ewwel pilastru għandhom ikunu ta' natura Ewropea, u jikkomplementaw il-miżuri ambjentali fit-tieni pilastru, li jiffokaw fuq il-prijoritajiet u l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, reġjonali u lokali; jemmen li l-komponent ekoloġiku jrid ikun parti mill-pagamenti diretti fl-ewwel pilastru biex il-forniment ta' beni pubbliċi ambjentali jintrabat mal-pagamenti diretti b'mod sempliċi u trasparenti li jiġi implimentat bl-istess mod fl-Istati Membri kollha u biex jiġi żgurat li jinċentivizza l-impenji ambjentali tal-bdiewa sabiex is-settur agrikolu jikkonforma mal-istandards għoljin tal-UE fl-oqsma tal-ambjent u tal-enerġija; jisħaq fuq il-fatt li l-element ekoloġiku fl-ewwel pilastru m'għandux irażżan il-funzjonament tal-istrumenti agrikoli-ambjentali eżistenti fit-tieni pilastru;
15. Jisħaq fuq l-importanza ta' sistemi innovattivi għat-tisqija sabiex tiġi żgurata s-sostenibilità tal-agrikoltura Ewropea, minħabba l-effetti devastanti tat-tibdil fil-klima bħan-nixfa, l-imwieġ ta' sħana u d-deżertifikazzjoni tal-art agrikola intenzjonata biex ttiprovdi l-ikel lill-popolazzjoni;
16. Jisħaq fuq il-fatt li l-PAK m'għandhiex tiddiskrimina bejn is-sessi u li ż-żewġ konjuġi għandhom jingħataw l-istess drittijiet meta jkunu qed jaħdmu fl-attività kummerċjali; jenfasizza l-fatt li madwar 42% tas-26.7 miljun persuna li jaħdmu regolarment fl-agrikoltura fl-Unjoni Ewropea huma nisa, imma li attività kummerċjali waħda biss minn kull ħamsa (madwar 29%) hi mmannigġjata minn mara;
17. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppatti sistemi effiċjenti għat-tisqija sabiex jiġu żgurati metodi agrikoli effiċjenti fl-Istati Membri li jkunu kapaċi jkopru d-domanda domestika għall-ikel u jfornu lis-suq tal-esportazzjoni fil-prodotti agrikoli, waqt li jitqies li fil-ġejjieni se jkun hemm nuqqas ta' ilma, u b'mod partikulari, ta' ilma għax-xorb;
18. Jixtieq li jiġi introdott limitu massimu għall-għajjnuna, skont l-erja użata għall-attività kummerċjali, fl-interessi tal-effiċjenza soċjali u sabiex jiġu evitati skemi ta' kontroazzjoni li jgħinu fit-teħid tal-kontroll tal-farms u l-bidu ta' attivitajiet ġodda minn bdiewa ġodda;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	12.4.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 46 -: 0 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Reinhard Bütikofer, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Ioan Enciu, Adam Gierek, Robert Goebbels, Fiona Hall, Jacky Hénin, Edit Herczog, Romana Jordan Cizelj, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Anni Podimata, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Amalia Sartori, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Niki Tzavela, Alejo Vidal-Quadras
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Antonio Cancian, António Fernando Correia De Campos, Francesco De Angelis, Ilda Figueiredo, Matthias Groote, Andrzej Grzyb, Satu Hassi, Yannick Jadot, Silvana Koch-Mehrin, Bernd Lange, Werner Langen, Mario Pirillo, Algirdas Saudargas, Catherine Trautmann